MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Numru. 1194/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**RENNIE MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Rennie Micallef ta' 29 sena, bin Saviour u Nazzarena nee' Farrugia, imwieled il-Pieta' fis-7 ta' Gunju, 1979 u joqghod fil-fond imsejjah: 'Marbemar' Nru. 309, Flt. Nru. 2, Triq Haz-Zabbar, il-Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 294879(M).

A) Gie akkuzat talli nhar il-25 ta' Lulju 2008, ghal habta tat-3.30 ta’ wara nofsinhar, filwaqt li kien fi Sqaq Nru. 1,

Triq Ghajn Dwieli, gewwa Rahal Gdid, volontarjament ghamel hsara fil-propjeta' (nuccali) ta' Anthony Grima, liema hsara ma tiskorrhiex l-1,164.69 euro imma tiskorri l-116.47.

B) Talli fl-istess data, hin u lok, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Grima skond kif iccertifikat minn Dr. Anton Bugeja M.D. (Warrant Mediku Nru.: 2466) it-tabib tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid.

C) Akkuzat ukoll talli, nhar il-25 ta' Lulju, 2008, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, t'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JB3 u nnutat li l-imputat Rennie Micallef m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(b), 221 u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Rennie Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Rennie Micallef taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Rennie Micallef b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Ewro (Ewro 500) li jzomm il-kwiet ma' Anthony Grima ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Rennie Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------